# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2025**

**Numru : 1**

**Rikors numru : 103/2002/1 BS**

**Marvic Spiteri f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsiefer missieru Joseph Spiteri u b'verbal tal-4 ta' Frar 2003 Joseph Spiteri assuma l-atti tal-kawża f'ismu proprju peress li rritorna mis-safar u b'digriet tal-24 ta' Frar 2021 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Marvic Spiteri *stante* l-mewt tal-attur Joseph Spiteri fil-mori tal-kawża**

**v.**

**John Attard, Rita mart l-istess John Attard u Giuseppe Farrugia u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2011 ġie kjamat fil-kawża Bernard *sive* Benny Attard u b'digriet tas-16 ta' Frar 2011 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Marija Attard *stante* l-mewt ta' Giuseppe Farrugia fil-mori tal-kawża u b'digriet ulterjuri tal-15 ta' Novembru 2013 Dr Angele Formosa ġiet nominata sabiex tirrappreżenta lill-konvenuta Marija**

**Attard f'dawn il-proċeduri; u b'digriet tat-12 ta' Awwissu 2016 il-ġudizzju tal-konvenut Benny Attard ġie trasfuż għal fuq l-Avukat Dottor Mario Scerri bħala eredi universali uniku tiegħu; u b'digriet tas-16 ta' Settembru 2016 il-ġudizzju tal-konvenut Benny Attard ġie trasfuż għal fuq l-Avukat Dottor Joseph Grech sabiex jirrappreżenta l-wirt battal tal-mejjet konvenut Bernard Attard; u b'digriet tat-28 ta' Lulju 2020, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Rita Attard *stante* l-mewt ta' John Attard fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża għad-danni minn żewġ u bin mara li mietet minħabba omiċidju kommess minn uħud mill-konvenuti fl-10 t'Awwissu 2001. Fil-mori tal-kawża żewġ il-vittma miet u l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem l-attur l-ieħor bħala uniku werriet tiegħu. Mietu wkoll it-tliet konvenuti li kienu kompliċi fir-reat.

2. B'sentenza tat-30 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddisponiet mill-kawża billi:

> "Tilqa' t-tielet (3) eċċezzjoni tal-konvenuti John u Rita konjuġi Attard billi hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u tiċħad għalhekk it-talbiet atturi sa fejn dawn jirrigwardaw lill-istess konvenuta Rita Attard fil-vesti personali tagħha, mhux ukoll bħala aventi kawża ta' żewġha John Attard;
> Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-konvenuti John Attard, u Giuseppe Farrugia kif ukoll lill-kjamat fil-kawża Bernard sive Benny Attard bħala responsabbli għall-mewt ta' Fortunata Spiteri u għaldaqstant tiddikjara lill-aventi kawża tagħhom kif il-ġudizzju ġie trasfuż fihom responsabbli in solidum bejniethom għall-ħlas tad-danni kif ser jiġu likwidati hawn aktar 'l isfel;
> Tillikwida d-danni dovuti lill-attur Marvic Spiteri mill- konvenuti kif issa l-ġudizzju huwa trasfuż f'isimhom ossia Rita Attard u Marija Attard kif ukoll

l-eredità ġjacenti ta' Bernard sive Benny Attard fil-valur ta' tnejn u sittin elf ħames mija u sitta u sittin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,566.51ċ);
Tikkundanna lill-istess konvenuti kif issa l-ġudizzju huwa trasfuż f'isimhom in solidum sabiex fi żmien xahar mil-lum iħallsu lill-attur Marvic Spiteri s-somma hekk likwidata fil- valur ta' tnejn u sittin elf ħames mija u sitta u sittin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,566.51ċ).
Bl-imgħaxijiet skont il-liġi mid-data ta' din is-sentenza sad- data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal- mandati ta' sekwetsru numru 157/02PC u ta' inibizzjoni numru 53/2002 fl-ismijiet premessi a karigu tal-konvenuti għajr għal dawk relatati mal-konvenuta Rita Attard proprju li jitħallsu mill-attur Marvic Spiteri."

3. L-attur Marvic Spiteri appella mis-sentenza. Huwa ma jaqbilx mal-kwantum tad-danni likwidati għaliex l-Ewwel Qorti messha akkordatlu danni morali u psikoloġiċi; multiplikand ogħla; u tnaqqis fil-kejl ta' konsum ibxex. Isostni wkoll li messha kkundannat lill-konvenuta Rita Attard għall-ispejjeż tal-kawża relatati għal din il-konvenuta f'isimha proprju.

4. Il-konvenuti rrespinġew l-aggravji tal-appellant.

5. Dwar id-**danni morali u psikoloġiċi**, l-Ewwel Qorti rrimarkat li t-talbiet fir-rikors ġuramentat ma jkoprux dawn it-tip ta' danni; li f'każ ta' danni kkawżati b'reat kriminali jistgħu jingħataw in forza ta' emenda fil-liġi introdotta snin wara r-reat *de quo* iżda mhix applikabbli retroattivament; u li l-attur talab li ssir riferenza kostituzzjonali li ġiet miċħuda mill-Qorti. L-appellant jargumenta li l-liġi tippermetti d-danni "morali" u jiċċita ġurisprudenza li jgħid li tissufraga t-teżi tiegħu. Jisħaq li f'kawżi dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-proprjetà jingħataw eluf ta' ewro f'danni morali; ma jagħmilx sens li mbagħad dan it-tip ta' danni ma jingħatax f'kawżi dwar

ħsara lill-persuna.

6. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant. Hija ġurisprudenza stabbilita li skont il-liġi tagħna ma jingħatawx danni "morali" bħala risarċiment *ex delicto*. Hemm eċċezzjoni f'każ ta' delitti li jikkonsistu f'ċerti delitti volontarji kontra l-persuna. F'dan ir-rigward hemm provvediment opportun li iżda ġie ppromulgat snin wara l-inċident mertu ta' din il-kawża u m'għandux effett retroattiv. Għalhekk din il-Qorti mhix sejra taħli iktar ħin dwar dan l-aggravju; iktar u iktar billi l-Ewwel Qorti qalet li

> "… ir-rikors promotur tal-atturi kien jikkontempla biss il-likwidazzjoni ta' danni *sewwa materjali kif ukoll fi kwalità ta' lukrum cessans u telf ta' qliegħ* [sic]—talba numru wieħed (1) a fol. 1 *retro pagina* tal-proċess."

7. Fi kliem ieħor, li l-Ewwel Qorti rraġunat illi kieku kellha takkorda d-danni morali, kienet tkun qiegħda tistatwixxi *extra petita.* Dwar dan il-pronunzjament, l-appellant huwa sieket għal kollox u ma jqanqal l-ebda aggravju. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament. Il-parametri posti fir-rikors promotur jimpedixxu l-Qorti milli tikkunsidra jekk l-appellant huwiex intitolat għal kumpens għal danni extra-patrimonjali.

8. L-attur ma jaqbilx mal-**multiplikand** ta' 12-il sena stabbilit mill-Ewwel Qorti li jwassal mill-eta` ta' 48 sena li kellha l-vittma sal-eta` ta' 60 sena. Jgħid li minn dakinhar tal-inċident sal-lum saru diversi żviluppi kemm fil-ħajja lavorattiva kif ukoll fil-*life expectancy*. Barra minn hekk,

illum uħud jibqgħu jaħdmu *oltre* l-età tal-irtirar. F'kawża partikolari mara tad-dar ta' 65 sena ngħatat multiplikand ta' 11-il sena. F'każ ieħor, mara ta' 57 sena ngħatat multiplikand ta' 13-il sena ċjoè sa 70 sena. Il-vittma mhux biss kellha impjieg imma kienet ukoll mara tad-dar u omm.

9. Il-multiplikand jirreferi għall-futur li minnu nnifsu huwa inċert. Ma jista' qatt ikun hemm ċertezza li persuna tibqa' taħdem sal-età tal-irtirar jew addirittura li sejra tgħix sa dak iż-żmien. Għalhekk dawn il-Qrati aktarx jagħtu multiplikand li ma jwassalx sal-eta` tal-irtirar. Il-multiplikand li wassal sa 60 sena jippressupponi li l-età tal-irtirar hija 'l fuq minn 60 sena – kif inhi llum. Huwa multiplikand konformi ma' tabella redatta mill-kompjant Imħallef Lino Farrugia Sacco fis-sena 2013,[1] magħmula bħala linja-gwida biex ikun hemm kemm jista' jkun konformità fis-sentenzi - u li aġġornat tabella iktar antika. It-tabella tissuġġerixxi multiplikand ta' 13 għal vittmi ta' età bejn 46 u 50 sena. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni l-għala għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, mogħtija in konformità mal-prattika ġurisprudenzjali taż-żminijiet tal-lum.

10. L-appellant isostni li t-tnaqqis mill-Ewwel Qorti ta' 50% **fil-kejl tal-konsum** huwa esaġerat; il-Qrati s-soltu jnaqqsu bejn 25% u 33% u kien hemm każi fejn saħansitra ma tnaqqas xejn. Tenut kont iċ-ċirkostanzi ta'

[1] **Emmelina Cini v Antoine Cachia** 18.02.2013 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħ. Lino Farrugia Sacco.

dan il-każ, kif ukoll tal-fatt li l-kawża nqatgħet 21 sena wara l-inċident, ma kellux ikun hemm tnaqqis, jew almenu jkun hemm tnaqqis minimu.

11. F'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "F'dan il-każ, il-Qorti tosserva li ma nġabux provi dwar id-dipendenza ta' żewġ u iben Fortunata Spiteri fuqha. F'każ bħal dan, u fid-dawl tal-ħsieb kostanti fid-deċiżjonijiet tal- Qrati nostrani—stante li fuq dan m'hemm xejn espress fil- liġi nostrana iżda huwa prinċipju li żviluppa u jiġi applikat kostantement fil-ġurisprudenza nostrana—il-Qorti sejra tapplika t-tnaqqis li kien ikun riżultanti mill-konsum li kienet tagħmel Fortunata Spiteri mid-dħul tagħha stess kieku baqgħet ħajja. Dan jingħad ukoll minħabba l-kriterju legali li jrid li l-għoti ta' kumpens riżultanti minn dannu bħal dan li ġarrbu l-atturi f'din l-istanza m'huwiex wieħed mogħti bħala 'tpattija' lill-parti ħatja iżda bħala radd lura lill-parti mġarrba ta' dak li kien jibqa' disponibbli lilhom kieku ma rrizultax il-mewt ta' Fortunata Spiteri. Illi għalhekk, il-Qorti sejra tagħmel tnaqqis ta' ħamsin fil- mija (50%) mis-somma sħiħa likwidata u dan bħala tnaqqis fil-kejl ta' konsum."

12. Din il-Qorti tqis li din ir-rata ta' tnaqqis hija waħda ġusta, tenut kont li fis-sena 2001, meta seħħ l-inċident, is-salarju tad-decujus ta' sena kien Lm2,984 li skont il-ftehim kollettiv rilevanti, is-salarju kien sejjer jitla' sa €11,700 fis-sena 2013. Huwa minn ewl id-dinja li minn salarju daqshekk baxx, ikun hemm rata ta' konsum qawwi da parti tal-impjegat, u għalhekk ir-rata ta' 50% mhijiex waħda irraġonevoli li titlob l-intromissjoni ta' din il-Qorti fil-*vires* diskrezzjonali tal-Ewwel Qorti.

13. Kuntrarjament għal dak li jostni l-appellant, id-dewmien fil-kawża bl-ebda mod ma jeffettwa t-tnaqqis minħabba l-konsum. Dan jingħata fil-

każ ta' *lump sum deduction* – li hi ħaġa differenti; inzerta li fil-każ preżenti l-Qorti m'għamlitx dan it-tip ta' tnaqqis.

14. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

15. Dwar **it-tieni aggravju:** Ma ġie stabbilit l-ebda ness kawżali bejn il-konvenuta Rita Attard personalment u l-inċident mertu ta' din il-kawża. Għalhekk almenu f'din il-veste ma jista' jkollha l-ebda responsabbiltà għall-ispejjeż tal-kawża.

***Decide***

16. Għar-raġunijiet fuq esposti din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a karigu tal-appellant.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
ss